Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Numru: 340/2011

Il-Pulizija

Vs

Carmelo Falzon

Oliver Debono

Illum, 31 ta' Mejju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellati Carmelo Falzon, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 819945M u Oliver Debono, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 167563M, akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

B'diversi atti maghmulin minnhom b'rizoluzzjoni wahda u cioe` li fit-2 ta' April, 2009 gewwa l-Marsa mill-impjant Waste Oils Company Ltd. Rmew skart likwidu kontaminat fis-sistema tad-drenagg pubbliku minghajr ma taw it-tgharif kollu xierq lill-Ezekuttiv

Principali sabiex jigi sgurat li jitharsu id-dispozizzjonijiet tal-Ligi kif mitlub, kif ukoll minghajr licenzja jew permess xieraq sabiex jintrema dan l-iskart likwidu. U dan ai termini tal-Kapitolu 423 tal-Ligijiet ta' Malta, Legislazzjoni sussidjarja 423.15, artikoli 2, 3, 6, 7, 8, 9, 10, 11, 13, 15, 17 tal-Ligijiet ta' Malta u artiklou 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 ta' Lulju, 2011 fejn wara li rat il-Kapitolu 423, Legislazzjoni sussidjarja 423.15 (A.L. 139/2002), Regolamenti 3, 6, 7, 8, 9, 10, 11, 13, 15, 17; Kif ukoll l-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma sabitx lill-imputati hatija u illiberathom.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali pprezentat fis-26 ta' Lulju, 2011 fejn talab lil din il-Qorti thassar u tannulla s-sentenza appellata u fil-kaz li dina l-Qorti jidhrilha li ma ghandiex tannulla l-istess sentenza li thassarha u tirrevokaha u illi wara li tisma' l-provi dwar il-kaz, ssib htija fl-imputati appellati u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali, huma s-segwenti w cioe':-
Illi l-ewwel Onorabbli Qorti ma kkonformatx ruha mal-procedura imposta fuqha mil-ligi u mid-dettami tas-smiegh xieraq u pubbliku fl-ghoti tas-sentenza.

Illi l-Onorabli Qorti hija legalement obbligata li qabel ma taghti sentenza tarbghel il-provi, tifli d-dokumenti esebiti, taghmel zmien tistudja l-fatti tal-kaz, tezamina l-ligi, tistudja x-xhieda u dan wara dan l-ezercizzju profond tghaddi ghas-sentenza. In fatti

parti minn sentenza hija l-konsiderazzjonijiet ta' l-Onorabbli Qorti fejn tispjega r-rizultati ta' dan l-ezami.

Illi meta l-Onorabbli Qorti tghaddi ghas-sentenza hija wkoll obbligata li taqra s-senteza fil-Qorti bil-miftuh, fil-prezenza tal-partijiet u dan dejjem sabiex ikun hemm trasparenza assoluta, l-partijiet u l-pubbliku ikunu jafu ghal-liema ragunijiet giet raggiunta l-konkluzjoni tas-sentenza u l-partijiet ikunu jafu wkoll mill-ewwel ghandhomx dritt ta' appell. Huwa propju minhabba d-dettami tas-smiegh xieraq illi l-proceduria titlob li s-sentenza trid tinqarha kollha u l-kontenut taghha trid tigi spjegata lill-imputati.

Illi dakinhar tas-sitta (6) ta' Lulju, 2011, kienu prezenti z-zewg partijiet sabiex id-dfiza tipprezenta l-provi taghha u ssir it-trattazzjoni finali miz-zewg partijiet.

Illi in fatti prezenti kien hemm l-Onorevoli Dott. Owen Bonnici, LL.D. M.P., is-Supretendent Martin Bayliss, l-ISpettur Ramon Mercieca u l-Ispettur Mario Tonna apparti nies ohra prezenti fl-awla u l-appellati imputati.

Illi meta ssejhet il-kawza z-zewg imputati Carmelo Falzon u Oliver Bonnici taw ix-xhieda taghhom u sussegwentement id-difiza ddikjarat li ghalqet il-provi. Ezatt wara, saret it-trattazzjoni finali miz-zewg partijiet.

Illi immedjatament wara li saret it-trattazzjoni finali, minghajr l-Onorabbli Qorti waqqfet jew hadet pawza, jew irriflettiet qabdet dak il-hin stess u seduta stante iddikjarat l-imputat illiberati minghajr spjegazzjoni u minghajr ebda qari jew prolazzjoni ta' sentenza.

Illi in fatti dakinhar stess ebda sentenza ma kienet ghad-dispozizzjoni tal-partijiet sabiex dak li jkun jifhem kif inhuwa possibli li l-Qorti b'reat daqsekk serju, b'daqsekk provi tiehu decizjoni minghajr ma tistudja l-kaz u dak kollu li rrizulta dakinhar.

Illi meta wiehed jara s-sentenza tal-ewwel Onorabbli Qorti jirrizulta b'mod car li s-sentenza nkitbet wara s-seduta u mhux qabel jew waqt is-seduta kif suppost. Fl-istess waqt is-sentenza taghti lil wiehed x' jifhem li din inkitbet legalement kif suppost u fil-hin proprizju, u cioe` li nkitbet qabel ma l-Onorabbli Qorti ddikjarat l-imputati lliberati u wara li hadet in konsiderazzjoni l-provi u l-fatti kollha tal-kaz. Minhabba f'hekk is-sentenza appellata hija nulla u simulata u dan peress illi fir-realta' ebda tali sentenza ma inghatat fil-Qorti fil-miftuh fid-data mnizzla fuqha.

Illi s-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti fil-parti tal-kunsiderazzjonijiet tghid:

*"L-imputati dehdu t-tnejn in difesa fis-seduta tas-6 ta' Lulju, 2011, fejn mhux biss innegaw l-allegazzjonijiet maghmula kontra taghhom, izda rribattew il-provi tal-prosekuzjoni"*

Illi l-Onorabbli Qorti qatt ma setghet tkun taf dakinhar x'ser jixhdu l-imputati kif kienu ser jiddeponu, jekk kienux ser jinnegaw l-allegazzjonijiet jew jekk kienux ser jirribattu l-provi tal-prosekuzjoni.

Illi stante li l-Onorabbli Qorti ddikjarathom illiberati immedjatament wara li semghathom u saru t-trattazzjonijiet finali, din il-parti tas-sentenza tindika b'mod car u assolut li s-sentenza inkitbet **wara** li gew iddikjarati illiberati minghajr ma l-Onorabbli Qorti ghamlet ix-xoghol taghha kif titlob minnha l-ligi.

Illi l-Onorabbli Qorit fl-istess sentenza tghid:

*"Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat".*

Illi dan qatt ma gara stante li qatt ma kien hemm sentenza li nqrat fil-miftuh u l-fatt li s-sentenza tiddikjara fatti fittizji jirrendi din is-sentenza nulla.

Illi ghandu jinghad li dak inhra wara li l-imputati appellati gew illiberati minkejja t-talbiet ghal-kopji tas-sentenza, xejn minn dan qatt ma inghata u lanqas ma kien hemm sentenzi disponibbli ghall-hadd.

Illi l-artiklu 16 tal-S.L. 423.15 tghid:

*"F'dawk il-procedimenti dwar reat li jigi kommess taht dawn ir-regolamenti li jkun jikkonsisti fin-nuqqas tat-twettiq ta' dmir jew htiega li wiehed jagixxi skond il-principji ta' l-ahjar teknologija disponibbli, **ghandu jaqa` fuq l-akkuzat li jipprova** illi meta ma kienx possibli ghalih li jaghmel iktar milli fil-fatt sar sabiex huwa jissodisfa dawk il-principji"*

Illi dan l-artikolu jaghmilha cara li l-provi ma jistriehux fuq il-prosekuzjoni izda fuq id-difiza u allura aktar u aktar l-Onorabbli Qorti kellha taghmel ezami profond tal-provi tad-difiza. Illi dment li l-Onorabbli Qorti ghamlet referenza ghax-xhieda ta' l-imputati, l-Onorabbli Qorti kienet obbligata skond l-artikolu 16 li tara jekk l-imputati lahqux jew le l-grad tal-prova rikjest minnhom bil-provi migjuba l-quddiem minnhom u mhux mil-prosekuzjoni.

Illi huwa evidenti li din is-sentenza hija ghal kollox nulla, li kien hemm ksru tad-dettami tas-smiegh xieraq tal-proceduri u li d-drittijiet tal-partijiet ma gewx rispettati.

Ikkunsidrat,

Illi għalkemm din il-Qorti għaddiet biex tisma mill-ġdid il-provi kollha fil-mertu u dan fuq talba stess ta'l-appellanti Avukat Generali tal-14 ta' Ġunju 2012, madanakollu l-Avukat Generali iressaq aggravvju wieħed li jolqot il-validita o meno tad-deċizjoni impunjata. Tant hu hekk illi t-talba ta'l-appellanti Avukat Generali hija diretta lejn dikjarazzjoni ta' nullita tad-deċizjoni appellata u smiegħ mill-ġdid tal-provi minn din il-Qorti. Dan għaliex jishaq illi d-deċizjoni impunjata hija nulla u bla effett skont il-liġi billi din ma ingħatatx fil-Qorti bil-miftuħ, bil-ġudikant jikteb is-sentenza motivata li hemm fl-atti wara s-seduta fejn l-appellati ġew illiberati mill-akkuzi dedotti kontra tagħhom. Jikkontendi illi l-Ewwel Qorti ma setatx tagħmel dan u cioe' li tgħaddi għad-deċizjoni liberatorja tagħha immedjatament wara l-egħluq tal-provi, mingħajr ma ikollha l-okkazzjoni tezamina l-atti fid-dettall tagħhom iktar u iktar meta l-liġi speċjali li tirregola l-akkuza dedotta kontra l-appellati tixħet fuqhom l-oneru tal-prova illi għamlu dak kollu li setgħu skond il-principji ta'l-aħjar teknoloġija disponibbli biex l-att inkriminanti jiġi evitat. Dan kellu jiġi mistħarreġ mill-Ewwel Qorti b'attenzjoni speċjali għal provi miġjuba 'il quddiem mid-difiza, jikkontendi l-Avukat Generali. Dan l-Ewwel Qorti ma għamlitux meta fl-istess seduta fejn id-difiza għalqet il-provi, din għaddiet minnufih għas-sentenza f'dik l-istess seduta wara li semgħet it-trattazzjoni tal partijiet. Kwindi huwa tal-fehma illi s-sentenza hija nulla bi ksur tad-dettami tas-smigħ xieraq u tal-procedura.

Illi għalhekk minn qari ta' dan l-aggravvju huwa evidenti illi l-Avukat Generali ma ressaq l-ebda aggravvju fil-mertu għalkemm dehrlu li din il-Qorti kellha tisma' l-provi mill-ġdid. Issa fl-impunjattiva imressqa minnu, l-Avukat Generali jissolleva l-preġudizzjali dwar in-nullita tad-deċizjoni impunjata u dan billi hekk kif id-difiza għalqet mill-provi fl-aħħar seduta, saret it-trattazzjoni u l-Ewwel Qorti għaddiet minnufih għad-deċizjoni tagħha mingħajr ma ezaminat l-atti. *Di piu'* jishaq illi s-

sentenza li sussegwentement giet inserita fl-atti kontenenti l-motivazzjonijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti ghal liberatorja ta'l-appellanti ma kenux inkitbu mill-gudikant qabel ma inghatat is-sentenza izda wara billi meta l-appellati gew illiberati mill-akkuzi taghhom ma kienu issemmew l-ebda motivazzjonijiet wara din id-decizjoni u l-partijiet inghataw kopja tas-sentenza hafna wara illi l-kawza kienet inqatghet.

Illi minn ezami ta'l-atti processwali jirrizulta illi fil-fatt hemm zewg sentenzi iffirmati mill-gudikant. L-ewwel wahda hija dik miktuba mill-gudikant *di proprio pugno* fuq il-komparixxi fejn hemm irregistrat biss id-decizjoni tal-Ewwel Qorti:

**"Liberati**

**06/07/2011"**

u iffirmata mill-gudikant u dan kif solitament jigri fil-kawzi sommarji li jinstemghu quddiem l-Qorti tal-Magistrati. Jidher illi fis-seduta tas-06 ta' Lulju 2011 wara li d-difiza ghalqet il-provi taghha u saret it-trattazzjoni il-Qorti ghaddiet minnufih ghas-sentenza li giet miktuba mill-Magistrat kif indikat iktar 'il fuq. Illi fl-atti, izda giet inserita sentenza ohra dattilografata bl-istess data u bl-istess *decide*, u iffirmata ukoll mill-gudikant, fejn issa zdiedu il-motivazzjonijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti tasal ghal gudizzju liberatorja taghha ukoll iffirmata mill-gudikant.

Issa l-artikolu 377 ighid illi meta jingħalaq is-smigħ tal-kawża, il-qorti, dak in-nhar stess, jekk jista' jkun, tagħti s-sentenza, billi tillibera jew tikkundanna l-imputat. L-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali imbaghad jindika dak li ghandu ikun fiha is-sentenza *ad validitatem* meta jinghad:

**"Il-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat."**

Din id-disposizzjoni tal-ligi allura ma tinnecessitax illi s-sentenza tinkiteb mill-Magistrat jew inkella li din tkun wahda motivata. Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali l-Pulizija vs Albert Bezzina 25.07.1994 intqal :

"il-Qorti tosserva illi la l-artikolu 377(1) u lanqas l-artikolu 382 ma jirrikjedu li s-sentenza tinkiteb mill-Magistrat; dak li trid il-ligi hu dak li jghid il-Magistrat meta jaghti s-sentenza jigi registrat u riprodott fil-kopja tas-sentenza. Dak illi hemm fuq il-komparixxi huma l-appunti tal-Magistrat, mhux is-sentenza. ........."

Stabbilt allura illi dak li jidher miktub mill-Magistrat *di proprio pugno* fuq il-komparixxi huma biss in-notamenti tieghu, jifdal biex jigi stabbilit jekk allura is-sentenza dattilografata u ukoll iffirmata mill-gudikant hijiex valida skont il-ligi billi l-motivi li wasslu lil Qorti ghad-decizjoni taghha inkitbu wara li giet moghtija s-sentenza.

Illi r-*ratio legis* wara l-artikolu 382 huwa illi s-sentenza tkun cara fis-sens illi kemm il-persuna akkuzata kif ukoll kull min huwa parti fid-decizjoni jifhmu x'kienu dawk il-fatti li dwarhom l-persuna akkuzata tkun qed tigi misjuba hatja, taghti l-piena ghal dawk il-fatti li qed jistabbilixxu ir-reita' u jissemmew id-disposizzjonijiet tal-ligi li dwarhom qed tinstab il-htija. Issa fil-kaz in dizamina huwa bil-wisq evidenti illi l-Ewwel Qorti ma sabet l-ebda htija fl-appellati ghar-reati lilhom addebitati u allura ma kenitx marbuta mad-dettami ta'l-artikolu su-iccitat billi kellha tiddikjara biss il-liberatorja u tieqaf hemm iktar u iktar meta kontra l-appellati kien hemm biss reat wiehed lilhom addebitat, minghajr il-htiega li jissemmew xi motivi singolari li wasslu lill-Ewwel Qorti ghad-decizjoni taghha. Is-sentenza hija iffirmata ukoll mill-Magistrat.

Kwindi l-vot tal-ligi jidher illi huwa sodisfatt u dan billi il-ligi ma tirrikjediex *ad validitatem* fil-kamp penali illi d-decizjoni tkun wahda motivata. Dan ifisser illi l-lanjanza imqanqla mill-Avukat Generali li d-decizjoni impunjata hija nulla ma tistax tigi milqugha. Dan ifisser allura li lanqas ma ghandu ragun meta jikkontendi illi l-Qorti ma setatx ezaminat ix-xhieda tad-difiza qabel ma ghaddiet ghad-decizjoni taghha, ghaliex

jidher illi dak li qalu l-imputati appellati gie meqjuz fil-motivazzjonijiet tal-qorti li wassluha ghall-libertaorja meta hemm mistqarr hekk:

***"L-imputati xehdu t-tnejn in difesa fis-seduta tas-06 ta' Lulju 2011, fejn mhux biss innegaw l-allegazzjonijiet maghmula kontra taghhom, izda irribattew il-provi tal-prosekuzzjoni."***

Issa fl-aggravvju imqanqal l-Avukat Generali jidhirlu illi billi ai termini tar-regolament 16 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 423.15 l-oneru tal-prova kien jistrieh fuq l-ispalla tal-persuna akkuzata allura l-grad tal-prova li kienet tispetta lill-prosekuzzjoni kienet wahda inqas oneruza u kienet tieqaf biss ghal-fatt ippruvat li kien sehh l-iskular tal-iskart likwidu fid-drenagg pubbliku. Kien jispetta imbaghad lill-appellati sabiex iressqu provi illi huma uzaw l-ahjar teknologija disponibbli sabiex jipprevjenu dan in-nuqqas. Fil-fehma tieghu l-Ewwel Qorti dan il-fatt ma qiesitux meta ghaddiet minnufih ghad-decizjoni taghha wara li xehdu l-imputati.

Illi qabel kull konsiderazzjoni ohra din il-Qorti tirrileva illi l-appellati qed jiffaccjaw akkuza li kienet taqa' taht id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 432 tal-Ligijiet ta' Malta bi ksur tar-regolamenti maghmula fil-Legislazzjoni Sussidjarja 423.15 u cioe' ir-Regolamenti Dwar il-Kontroll ta' Rimi fid-Drenagg. Illi permezz ta'l-Att XXV tal-2015 gie imwaqqaf ir-Regolatur ghas-Servizzi tal-Energija u l-Ilma sabiex jirregola kwistjonijiet dwar rizorsi ta' energija u ilma li qabel kienu jaqghu taht l-Awtorita ta' Malta Dwar ir-Rizorsi. Illi bis-sahha tal-artikolu 41 ta'l-Att, il-legislazzjoni sussidjarja li allura kienet taqa' taht il-Kapitolu 423 tal-Ligijiet ta' Malta kellha tigi inkorporata taht din il-ligi li waqqfet ir-Regolatur biex b'hekk allura l-akkuza addebitata lill-appellati illum taqa' taht il-Legislazzjoni Sussidjarja 545.08, ghalkemm ir-regolamenti essenzjalment baqghu l-istess.

Premess dan bhala kjarifika billi r-reat baqa' xortawahda wiehed u uniku u mhux mittiefes b'dan it-tibdil, bir-regolament 16 tal-legislazzjoni sussidjarja jibqa' identiku, il-Qorti hija tal-fehma illi lanqas hawn l-Avukat Generali m'ghandu ragun. Dan ghaliex ghalkemm huwa minnu illi l-imputati ghandhom fuq spallejhom l-oneru tal-prova illi huma uzaw l-ahjar teknologija disponibbli sabiex jevitaw il-ksur tar-regolament rifless fl-akkuza, madanakollu l-Prosekuzzjoni jenhtigielha qabel xejn tipprova illi dak il-ksur huwa imputabbli lill-imputati appellati. Huwa hawnhekk allura illi l-Ewwel Qorti qieset illi l-Prosekuzzjoni ma kenitx lahhqet il-grad tal-prova mistenni minnha meta kienet tal-fehma illi l-investigazzjonijiet li saru ma kenux b'sahhithom bizzejjed sabiex iwasslu biex jistabilixxu illi l-iskular taz-zejt fis-sistema tad-drenagg pubbliku kienet gejja mill-istabbilliment kummercjali immexxi mis-socjeta gestita mill-imputati appellati u dan meta stqarret hekk:

***"F'dawk is-sentejn li ghaddew bejn l-ahhar spezzjoni u meta tressqu l-imputati setghet saret investigazzjoni aktar dettaljata u aktar akkurata <u>biex tigi stabbilita ezatt ir-responsabbilta' ta' min kien qed jarmi</u> tant kwantita ta' zejt fid-drenagg."*** (sottolinjar ta' din il-Qorti)

L-inverzjoni tal-provi kienet issehh gjaldarba il-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova illi in-nuqqas kien imputabbli lill-imputati u mhux qabel, meta allura l-imputati kien jenhtiegilhom jippruvaw illi huma kienu uzaw id-diligenza kollha bl-impjegar tal-ahjar teknologija disponibbli sabiex jevitaw dak l-iskular ta' zejt fid-drenagg. Kwindi ma jirrizultax illi hemm xi nuqqas fil-mod kif l-Ewwel Qorti ghamlet l-apprezzament taghha tal-provi.

Illi l-Qorti ser tieqaf hawn billi l-Avukat Generali ma iressaq l-ebda aggravvju dirett lejn dan l-apprezzament maghmul mill-Ewwel Qorti, izda jilmenta biss mill-*modus operandi* ta'l-Ewwel Qorti meta giet biex tiddeciedi l-kawza fejn allura fil-fehma tieghu r-regoli

dwar l-piz tal-provi f'dan il-kaz ma gewx osservati. Stabbilit ghalhekk illi l-Ewwel Qorti imxiet sew proceduralment u legalment din il-Qorti tqies illi l-appell ta'l-Avukat Generali ifalli.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni impunjata ikkonfermata fl-intier taghha.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur